



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.12.2025
C(2025) 8378 final

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 8.12.2025

li jemenda l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/3117 fir-rigward tar-rapportar superviżorju tar-riskju operazzjonali tal-istituzzjonijiet

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'8.12.2025

li jemenda l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/3117 fir-rigward tar-rapportar superviżorju tar-riskju operazzjonali tal-istituzzjonijiet

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012¹ u b'mod partikolari l-Artikolu 430(7), il-ħames subparagrafu tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 ġie emendat bir-Regolament (UE) 2024/1623 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² biex jiġi implimentat l-aħħar sett ta' standards internazzjonali tal-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (Basel III). Dawk l-istandards wasslu għall-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3117³, li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rapportar superviżorju tal-istituzzjonijiet.
- (2) Minħabba l-bidliet fil-qafas prudenzjali għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali, kienu meħtieġa mudelli ġodda ta' rapportar biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet jirrapportaw f'konformità mal-qafas il-ġdid fis-seħħ. Filwaqt li xi wħud minn dawk il-bidliet fil-mudelli tar-rapportar kienu diġà ġew introdotti bir-Regolament (UE) 2024/3117, l-aġġornament ta' diversi mudelli oħra kien possibbli biss wara żvilupp tekniku ulterjuri tar-rekwiżiti tar-riskju operazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tal-komponenti tal-indikatur tan-negozju, l-entrati li għandhom jiġu esklużi mill-indikatur tan-negozju u l-immappjar tagħhom maċ-ċelloli tar-rapportar korrispondenti.
- (3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1496⁴ ippospona d-data tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq għall-1 ta' Jannar 2027.

¹ ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj>.

² Ir-Regolament (UE) 2024/1623 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti għar-riskju ta' kreditu, għar-riskju ta' aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu, għar-riskju operazzjonali, għar-riskju tas-suq u għall-minimu tal-output (ĠU L, 19.6.2024, p.1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1623/oj>).

³ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3117 tad-29 ta' Novembru 2024 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rapportar superviżorju tal-istituzzjonijiet u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/451 (ĠU L, 2024/3117, 27.12.2024, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/3117/oj).

⁴ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1496 tat-12 ta' Ġunju 2025 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-data tal-

B'konsegwenza ta' dan, huwa meħtieġ li jinżamm mingħajr tibdil ir-rapportar eżistenti dwar ir-rekwiżiti tar-riskju tas-suq li japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2026. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali tar-Regolament (UE) 2024/3117 jenħtieġ li jiġu estiżi u t-tħassir tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/451⁵ jenħtieġ li jiġi pospost b'sena oħra.

- (4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/3117 jiġi emendat kif xieraq.
- (5) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA, European Banking Authority).
- (6) L-EBA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/3117 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji msemmija fl-Artikolu 92(4), il-punti (b)(i) u (c), u fl-Artikolu 92(5), il-punti (b) u (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom, sal-31 ta' Diċembru 2026, jippreżentaw l-informazzjoni dwar ir-rekwiżiti ta' fondi proprji relatati mar-riskju tas-suq f'konformità mal-Artikolu 5(12) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451.”;
- (2) fl-Artikolu 7, jiżdied il-punt (c) li ġej:

“(c) L-istituzzjonijiet omm tal-UE għandhom jirrapportaw l-informazzjoni meħtieġa fl-Anness I, il-mudell C 16.04 relatata mal-informazzjoni dwar sussidjarji soġġetti għad-deroga prevista fl-Artikolu 314(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fuq bażi trimestrali.”;
- (3) fl-Artikolu 25, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

“1. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451 ma għandux jibqa' japplika mill-1 ta' Jannar 2025, ħlief għall-Artikolu 5(12) u l-Anness I, il-mudelli minn 18 sa 24, u l-Anness II, il-Parti II, il-punti minn 5.1 sa 5.7. L-Artikolu 15 tar-

applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq (ĠU L, 2025/1496, 19.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/1496/oj).

⁵ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/451 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rapportar superviżorju tal-istituzzjonijiet u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 (ĠU L 97, 19.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/451/oj).

⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1093/oj>).

Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451 għandu jkompli japplika sal-31 ta' Diċembru 2026 biss għall-finijiet tal-Artikolu 5(4) ta' dan ir-Regolament.

2. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/451 jitħassar b'effett mill-31 ta' Diċembru 2026.”;
- (4) fl-Anness I, it-Taqsima 1 – “Rapportar dwar il-fondi proprji u r-rekwiżiti ta' fondi proprji”, hija emendata kif ġej:
- (a) il-mudell “C 16.01 - RISKJU OPERAZZJONALI - Rekwiżiti ta' Fondi PROPRJI (OPR OF, Operational Risk, Own Funds)” huwa sostitwit bil-mudell “C 16.01 - RISKJU OPERAZZJONALI - Rekwiżiti ta' Fondi PROPRJI (OPR OF)” stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament;
- (b) il-mudell “C 16.02 - RISKJU OPERAZZJONALI - Komponent tal-Indikatur tan-Negozju (OPR BIC, Operational Business Indicator Component)”, il-mudell “C 16.03 - DIŻAGGREGAZZJONI TAR-RISKJU OPERAZZJONALI (OPR BD, Operational Risk Breakdown) - Telf, spejjeż, provvedimenti u impatti finanzjarji oħra li jirriżultaw minn avvenimenti ta' riskju operazzjonali” u l-mudell “C 16.04 - RISKJU OPERAZZJONALI - Informazzjoni dwar sussidjarji soġġetti għall-Artikolu 314(3) CRR” stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament jiżdiedu wara l-mudell “C 16.01 - RISKJU OPERAZZJONALI - Rekwiżiti ta' Fondi PROPRJI (OPR OF)”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8.12.2025

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN